Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 340/2008

**Lorenza sive Lora Cascun (Karta ta’ l-Identità bin-Numru 476152M)**

**Vs**

**Renese Camilleri (Karta ta’ l-Identità bin-Numru 38584G)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Lorenza Cascun fl-10 ta’ Ottubru 2008 permezz ta’ liema titlob li Renese Camilleri tigi kkundannata thallasha dik is-somma, liema somma ma teccedix l-ammont ta’ €11,646.86 (ekwivalenti ghal Lm5,000), li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni a tenur tal-Ligi dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, minnha sofferti b’konsegwenza ta’ malafama da parte tal-konvenuta permezz ta’ e-mail datata 10 ta’ Gunju 2008, mibghuta mill-konvenuta lil Jesmond Sharples, Director Nursing Services, u kkuppjata lill-Ministru ghal Ghawdex Giovanna Debono, lis-Sinjura Catherine Gonzi, lill-Ministru

John Dalli, lis-Sur Remigio Bartolo, lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha, lis-Segretarju Parlamentari Dottor Joseph Cassar, lill-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim' Ministru, lis-Sur Joseph Micallef, Direttur fl-Isptar Zammit Clapp, lis-Sur Joseph Church, lis-Sur Paul Pace, President tal-Malta Union of Midwives and Nurses u lill-istess Malta Union of Midwives and Nurses, liema e-mail mibghuta lil dawn il-persuni kollha tikkontjeni allegazzjonijiet invertjeri u malafamanti fil-konfront taghha; bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta;

Rat ir-Risposta tal-konvenuta permezz ta' liema teccepixxi in linea preliminari li din l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz stante li hi in kwantu parti mharrka ma hijiex residenti gewwa Malta izda gewwa Ghawdex u lanqas qatt ma kellha indirizz f'Malta u dan kif jista' jigi verifikat mill-Karta ta' l-Identità taghha, u fil-meritu li l-pretensjonijiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenuta waqt is-seduti tat-3 ta' Gunju 2010[1], tal-11 ta' Ottubru 2010[2] u tat-18 ta' Novembru 2010[3] u rat id-dokumenti minnha esebiti waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2010 markati Dok. "RS1" sa' Dok. "RS7" a fol. 27 sa' 43 tal-process u waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2010 markati Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 60 sa' 69 tal-process, rat id-dokument esebit mill-attrici permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Ottubru 2010 markat Dok. "MM1" a fol. 50 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Mary Murphy[4] u ta' Annabelle Camilleri[5] moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2010 u rat id-dokument esebit minn Annabelle Camilleri waqt l-imsemmija seduta markat Dok. "AC1" a fol. 58 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Mario Borg moghtija waqt is-seduti tal-31 ta' Jannar 2011[6] u ta' l-4 ta' Lulju 2011[7] u

---

[1] Fol. 44 sa' 47 tal-process.
[2] Fol. 51 sa' 53 tal-process.
[3] Fol. 73 u 74 tal-process.
[4] Fol. 70 u 71 tal-process.
[5] Fol. 72 tal-process.
[6] Fol. 79 sa' 81 tal-process.

rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Lulju 2011 markati Dok. “GV1” a fol. 105 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mill-konvenuta permezz ta’ Nota pprezentata fil-5 ta’ April 2011 markati Dok. “MB1” sa’ Dok. “MB4” a fol. 89 sa’ 92 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ l-attrici moghtija waqt is-seduti tal-31 ta’ Jannar 2011[8] tal-5 ta’ April 2011[9] u rat id-dokumenti minnha esebiti waqt is-seduta tal-5 ta’ April 2011 a fol. 93 sa’ 100 tal-process u semghet ix-xhieda ta’ Pauline Muscat moghtija waqt is-seduta tal-5 ta’ April 2011[10];

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti biex tisma’ u tiddeciedi l-kaz in ezami;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha dik is-somma likwidata mill-Qorti, liema somma ma teccedix l-ammont ta’ €11,646.86, bhala danni sofferti minnha b’konsegwenza ta’ malafama da parte tal-konvenuta permezz ta’ e-mail datata 10 ta’ Gunju 2008, mibghuta mill-konvenuta lil Jesmond Sharples, Director Nursing Services, u kkuppjata lill-Ministru ghal Ghawdex Giovanna Debono, lis-Sinjura Catherine Gonzi, lill-Ministru John Dalli, lis-Sur Remigio Bartolo, lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha, lis-Segretarju Parlamentari Dottor Joseph Cassar, lill-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim’ Ministru, lis-Sur Joseph Micallef, Direttur fl-Isptar Zammit Clapp, lis-Sur Joseph Church, lis-Sur Paul Pace, President tal-Malta Union of Midwives and Nurses u lill-istess Malta Union of Midwives and Nurses, liema e-mail

---

[7] Fol. 106 u 107 tal-process.
[8] Fol. 82 sa’ 85 tal-process.
[9] Fol. 101 tal-process.
[10] Fol. 102 sa’ 103 tal-process.

mibghuta lil dawn il-persuni kollha tikkontjeni allegazzjonijiet invertjeri u malafamanti fil-konfront taghha.

Il-konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi l-kaz in ezami stante li hi, u cioè il-konvenuta, ma hijiex residenti Malta izda hija residenti Ghawdex, u bl-eccezzjoni fil-meritu li fi kwalunkwe kaz il-pretensjonijiet attrici kif dedotti fil-konfront taghha huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda.

Ma hemmx dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz sollevata mill-konvenuta bl-eccezzjoni preliminari taghha, u fil-fatt din is-sentenza tittratta proprio dan il-punt.

Il-konvenuta tikkontendi li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz in ezami stante li hi, *qua* parti imharrka, ma hijiex residenti Malta izda hija residenti Ghawdex u bhala fatt qatt ma kellha indirizz f'Malta kif jista' jigi verifikat mill-Karta ta' l-Identità taghha. Il-konvenuta kjarament tibbaza l-pretensjoni taghha fuq dak provdut fl-Artikolu 741(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata … meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari*.

Dwar il-*privilegium fori* l-Artikolu 767 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer*. Dwar il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' l-Ewwel Grad l-Artikolu 50(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 770 u 771, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), b'eskluzjoni tal-qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-*

*ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti*.

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi kjarament jirrizulta li l-beneficcju favur konvenut li jigi mharrek quddiem Qorti partikolari **u** partikolarment il-beneficcju li parti konvenuta fi proceduri giudizzjarji tigi mharrka quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kif pretiz mill-konvenuta fil-kaz in ezami, huma marbuta mal-post fejn dik il-persuna tkun toqghod jew ghandha r-residenza ordinarja taghha.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Richard dei Conti Stagno Navarra[11],** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Jannar 2003 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru 1995, fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili qalet illi: *il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, kif hu risaput, hija l-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja u originali "li minnha jigu maqtugha l-kawzi kollha ta' natura civili u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili jew li s'issa din il-Qorti hadet konjizzjoni taghhom u li dwarhom xejn ma biddel dan l-Kodici. … Bhala regola allura hi din il-Qorti li ghandha kompetenza li tisma' l-kawzi kollha ta' natura civili hlief dawk li eccezzjonalment huma bil-ligi fdati biex jinstemghu minn xi Qorti ohra. Senjatament mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex, Superjuri Civili, kif ipprovdut fl-artikolu 59(1) tal-Kap.12 invokat mill-konvenut fl-eccezzjoni tieghu. Il-kompetenza ta' din il-Qorti però – tenut kont ta' l-eccezzjonalità tal-provvediment – hi strettament cirkoskritta u limitata fit-termini li l-ligi stess tippreskrivilha b'dan l-istess artikolu. Jinghad fih infatti illi dik il-Qorti ta' Ghawdex bl-eskluzjoni tal-Qrati ta' Malta – li naturalment tezawtora l-kompetenza ta' din il-Qorti, hija kompetenti biex tisma' u tiehu konjizzjoni – bhala Qorti ta' l-ewwel grad – "ta' kull pretensjoni kontra il-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti".* <u>*Hu car ghalhekk illi*</u>

[11] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. LXXIX – ii – 661.

*fuq kollox u qabel xejn hu l-fattur tar-residenza tal-konvenut li jirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex, ad eskluzjoni tal-kompetenza ta' din il-Qorti*[12]*. … Il-Kodici ta' Procedura fl-artikolu 741(c) jistabilixxi li l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tista' tinghata fost kazi ohra li, meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju illi jigi msejjah quddiem Qorti partikolari. L-artikolu 767 imbaghad ikompli jzid li dan il-beneficcju imsemmi fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 741 hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-gzira ta' Malta rigward il-Qorti ta' din il-gzira u lil dawk li joqghodu fil-gzira ta' Ghawdex jew Kemmuna rigward il-Qrati ta' dawk il-gzejjer. Minn dawn id-disposizzjonijiet inholoq id-dritt ta' kull persuna li tigi mharrka quddiem il-Qorti tal-gzira fejn hija tinsab toqghod. Taht dan l-aspett allura l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza kienet tkun sostenibbli biss kieku l-konvenut ipprova li hu joqghod jew hu ordinarjament residenti fil-gzira ta' Ghawdex*[13]*.*

Ghalkemm l-osservazzjoni appena citata saret fil-kuntest ta' proceduri istitwiti quddiem il-Qrati ta' kompetenza Superjuri, ma hemmx dubju li l-istess tapplika fil-kuntest ta' proceduri istitwiti quddiem il-Qrati ta' kompetenza inferjuri. Ghaldaqstant, kemm-il darba fil-kaz in ezami effetivament jirrizulta li l-konvenuta toqghod jew ghandha r-residenza ordinarja taghha Ghawdex, isegwi li l-eccezzjoni preliminari taghha tkun tisthoqq li tigi milqugha.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet kontendenti dwar il-fatt li l-konvenuta hija Ghawdxija. Il-punt li dwaru ma jaqblux hu dwar fejn ghandu jigi kkunsidrat li l-konvenuta kienet toqghod jew kellha r-residenza ordinarja taghha fiz-zmien rilevanti, u cioè fiz-zmien meta nqalghet il-kwistjoni bejnha u l-attrici u z-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri. Filwaqt li l-attrici tikkontendi li fiz-zmien rilevanti l-konvenuta kienet tirrisjedi Malta, il-konvenuta tikkontendi li ghalkemm fiz-zmien kienet tikri appartament hawn Malta r-residenza ordinarja taghha kienet u baqghet f'Ghawdex u dana

12 Sottolinear ta' din il-Qorti.
13 Sottolinear ta' din il-Qorti.

partikolarment fiz-zmien meta inqalghet il-kwistjoni bejnha u l-attrici u fiz-zmien gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Il-konvenuta esebiet diversi dokumenti, fosthom estratti mir-Registri Elettorali ta' Ottubru 2002, Ottubru 2007, April 2008, Ottubru 2008 u April 2009[14] u *payslips* ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u t-30 ta' Gunju 2008[15], bhala prova li r-residenza ordinarja taghha kienet u baqghet Ghawdex, fatt dan skontha rikonoxxut mill-istess attrici bl-ittra datata 9 ta' Gunju 2008 esebita mill-konvenuta bhala Dok. "RC3" a fol. 35 tal-process, li hija indirizzata lilha fl-indirizz 22, Pjazza President J.F. Kennedy, Rabat, Gozo. Fir-rigward tal-flat li kienet tikri Malta, ossia Flat 6, Shalimar Court, Triq Nazju Falzon, Msida, il-konvenuta ikkonfermat tali kirja izda spjegat illi *meta hareg ir-rikors ta' dawn il-proceduri jiena ma kontx ghadni noqghod f'dak il-fat u rrid nippreciza wkoll li fiz-zmien meta nhareg ir-rikors odjern, jiena ma kelli l-ebda residenza ohra hawn Malta ghax kont mort nghix lura Ghawdex. Il-flat Malta jiena kont nikrih minghand certu Joseph Camilleri. Dana Joseph Camilleri huwa Ghawdxi. Dana Joseph Camilleri huwa hu l-papà tieghi. Irrid nghid li meta kont inkun marida bhala referenza kont naghti l-indirizz ta' Malta fiz-zmien meta kien ghad kelli l-flat Malta u nkun marida Malta u mit-2008 'l hawn jew jekk kont inkun marida Ghawdex kont naghti bhala referenza l-indirizz ta' Ghawdex. Irrid nerga' nippreciza li jiena l-flat ta' l-Imsida ma bqajtx nikrih izjed minn qabel Gunju tat-2008 u dana kif anke spjegajt f'wahda mid-dokumenti li esebejt ma stajtx nibqa' nzommu minhabba ragunijiet personali tieghi. Irrid nghid li meta bdew jinqalghu l-problemi ma' l-attrici, jigifieri f'Gunju 2008 jiena kont residenti Ghawdex*[16].

Riprodotta in kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010[17] il-konvenuta sahqet illi *l-indirizz residenzjali tieghi huwa 22, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Ghawdex. Jiena nghid li dan huwa l-fond fejn*

---

[14] Dok. "RC2a" sa' Dok. "RC2e" a fol. 28 sa' 34 tal-process.
[15] Dok. "GV1" a fol. 60 sa' 67 tal-process.
[16] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2010, fol. 44 sa' 47 tal-process.
[17] Fol. 51 sa' 53 tal-process.

*jiena nirrisjedi u f'Gunju 2008 jiena kont ukoll nirrisjedi f'dan l-istess fond. Irrid nghid li fil-perjodu relattiv ghal din il-kwistjoni, jiena kont nikri flat hawn Malta fi Triq Nazju Falzon, l-Imsida. Jiena ma kontx nghix f'dan il-flat izda kont nuzah biss meta kien ikun il-maltemp jew gurnata ta' xita meta kontx nitla' lura Ghawdex. Dak iz-zmien kont nitla' u ninzel Ghawdex kuljum hlief kif già ghedt fil-maltemp. Ix-shift tieghi kien fuq bazi ta' day, day, night, rest u off. Fuq domanda li qed issirli li meta kont inkun sick jiena kont naghti l-indirizz tieghi hawn Malta nghid li bhala fatt gieli tajt l-indirizz t'Ghawdex. Fil-fatt daqqa tajt l-indirizz ta' Ghawdex u daqqa tajt l-indirizz ta' Malta u dan skond fejn kont inkun dak iz-zmien. Qed jigi suggerit lili li jiena ma kontx nitla' u ninzel Ghawdex ta' spiss imma kont immur okkazjonalment fl-off tieghi, nghid li dan mhux minnu. Nerga' ntenni li jiena anki meta kont inkun bid-day shift gieli mort lura Ghawdex. Kont nibqa' Malta f'kaz ta' maltemp jew jekk inkun ma niflahx jew ghal xi ragunijiet familjari li kienu jzommuni hawnhekk. … Fl-2009 jiena zzewwigt u jiena u ir-ragel tieghi ghadna sal-gurnata ta' llum nghixu mal-genituri tieghi. Ir-ragel tieghi halla l-identity card tieghu registrata fuq il-fond tal-genituri tieghu f'Kercem. Ir-ragel tieghi jahdem Malta izda jirrisjedi Ghawdex. Hu jitla' u jinzel minn Ghawdex ghal Malta kuljum*.

L-attrici tipprova tikkuntrasta dak affermat mill-konvenuta u dak li jirrizulta mid-dokumenti minnha esebiti permezz ta' diversi xhieda, fosthom hi stess u l-konvenuta in subizzjoni, u permezz ta' serie ta' dokumenti izda, fil-fehma tal-Qorti ma rnexxilhiex tistabilixxi b'mod sodisfacenti li kuntrarjament ghal dak affermat mill-konvenuta l-istess konvenuta fiz-zmien rilevanti kellha r-residenza ordinarja taghha Malta.

Meta xehdet waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2011[18] l-attrici fost affarijiet ohra iddikjarat li *bhala kuntatt mal-konvenuta fiz-zmien meta kienet tahdem maghna fir-rigward ta' xoghol kien ikun hemm roster allura kienet tkun taf ezattament x'xoghol ser ikollha u fir-rigward ta' bzonn li*

---

18 Fol. 82 sa' 85 tal-process.

*forsi incemplulha jew affarijiet ohra, kienet tatna contact numbers u kienu jcemplulha n-nies taghna stess izda ezattament fejn kienu jcemplu ma nafx. Madanakollu fir-rigward ta' sick leave kull darba li kienet iccempel sick kienet taghti l-indirizz u anki kienet taghti l-indirizz taghha hawn Malta. Jiena ma kontx nidhol ezattament fil-kwistjoni ta' fejn ezattament kienet toqghod il-konvenuta, jiena ghandi wisq nies tahti biex inkun nista' nidhol f'dawn it-tip ta' dettalji ghal kull wiehed minnhom. Darba minnhom il-konvenuta kienet talbitni concession biex tkun tista' tidhol tard kif jaghmlu Ghawdxin ohra. Irrid nghid li ghalija din kienet kwistjoni gdida ghaliex l-Ghawdxin l-ohra li kelli impjegati tahti ma kienux talbu l-istess haga. Niftakarha tghidli però illi kieku ma kontx ser naghtiha din il-concession, biex tidhol fil-hin ix-xoghol kien ser ikollha torqod ghand l-gharus taghha. Meta qaltli hekk jiena qed nassumi li l-gharus taghha kien residenti Malta. Sa' dak iz-zmien naf però li l-konvenuta kien ghad kellha ghandha l-appartament fejn kienet tghix hawn Malta. Jiena qed naghmel din l-assunzjoni ghar-raguni li ladarba talbitni l-concession biex tidhol tard, ghax minn Ghawdex ma kienetx ser tasal fil-hin, biex tasal fil-hin u tghix ma' l-gharus taghha sinjal li hu kien residenti hawn Malta*[19].

Minn din ix-xhieda huwa immedjatament evidenti li l-attrici tibbaza l-pretensjoni taghha li l-konvenuta kellha r-residenza ordinarja taghha Malta mhux fuq fatti maghrufa *di scienza propria* izda fuq mera assunzjoni, liema assunzjoni ma giet minnha bl-ebda mod sostanzjata u stabbilita bhala fatt debitament ippruvat.

Jibda biex jigi osservat li kemm il-konvenuta kif ukoll zewgha Mario Borg, entrambe prodotti bhala xhieda mill-attrici, kategorikament cahdu li kienu jirrisjedu flimkien Malta fiz-zmien rilevanti. Prodotta in subizzjoni mill-attrici waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2010, il-konvenuta iddikjarat li *l-proprjetà "Dainty" Flat 9, Imhallef Paolo Debono Street, Imsida, hija fil-fatt proprjetà tar-ragl tieghi però rrid nippreciza li huwa kien xtara dan il-post qabel ma sirt nafu. Jiena nikkonferma li r-ragel tieghi jahdem*

[19] Fol. 82 sa' 85 tal-process.

*Malta. Qed jigi suggerit lili li ahna bhala fatt illum nghixu l-Imsida u mhux Ghawdex u jiena nghid li dan m'huwiex minnu; ahna nghixu Ghawdex. Dan il-post illum huwa okkupat minn persuna barranija li jisimha Hordusia imma ma nafx x'inhu kunjomha. Il-ftehim kien sar bejn ir-ragel u din il-persuna. Jiena ma kont involuta bl-ebda mod u ma nafx ezattament meta sar dan il-ftehim*. Fir-rigward Mario Borg, ukoll prodott bhala xhud mill-attrici, iddikjara li: *il-konvenuta tigi l-mara tieghi. Ahna zzewwigna fl-20 ta' Gunju 2009. Fl-2008 il-mara tieghi kienet tahdem Zammit Clapp. Meta konna gharajjes kienet studenta imbaghad naturalment meta lehqet ghamlet xi zmien tahdem Zammit Clapp ukoll. Bejn is-sena 2006 u s-sena 2007 jiena kont imsiefer. Madanakollu fl-2008 kont hawnhekk izda kont nghix Ghawdex. Ghandi proprjetà hawn Malta li hija flat 9, Dainty Court, Triq l-Imhallef Debono, Gzira. Dan il-flat jiena kont xtrajtu fl-2005. Fl-2008 dan il-flat kien ghadu proprjetà tieghi izda jiena ma kontx nghix fih; kont nikrih lil zewg studenti Ghawdxin. Il-mara tieghi fl-2008 kienet tirrisjedi Ghawdex fl-indirizz 22, Fortunato Mizzi Street, Rabat, Ghawdex. Kienet tirrisjedi hawn Malta fi flat fil-perijodu meta kienet studenta. Il-post fejn kienet tirrisjedi l-mara tieghi hawn Malta kien l-Imsida izda l-indirizz ezatt ma niftakrux. Meta nghid tirrisjedi rrid nispjega illi hi kienet tikrih dan il-post u meta kienu jdumu l-lectures taghha hawn Malta kienet tibqa' hemmhekk*[20].

Ghalkemm gie debitament ippruvat li Mario Borg ghandu proprjetà hawn Malta – fatt dan del resto ammess mill-istess Borg u mill-konvenuta – b'daqshekk ma jfissirx li jirrizulta bhala fatt ppruvat dak assunt mill-attrici u cioè li fiz-zmien rilevanti l-konvenuta kienet tirrisjedi Malta f'dan il-fond flimkien ma' Mario Borg, dak iz-zmien l-gharus taghha. Li l-assunzjoni ta' l-attrici hija ghal kollox infondata u kompletament zbaljata jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-konvenuta bhala Dok. "MB1" sa' Dok. "MB4" a fol. 89 sa' 92 tal-process, liema dokumenti huma applikazzjonijiet sottomessi minn Mario Borg tul is-sena 2008 *for payment of subsidy to Gozo-resident Government Workers in Malta*. Minn dawn id-dokumenti

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2011, fol. 79 sa' 81 tal-process.

jirrizulta kkonfermat li Mario Borg huwa *ordinarily resident in Gozo* u li tul il-perijodi indikati f'dawk id-dokumenti huwa effettivament kien jirrisjedi Ghawdex u jinzel ghax-xoghol Malta. Ladarba tul il-perijodi imsemmija Mario Borg kien jirrisjedi Ghawdex ma tistax tregi l-assunzjoni ta' l-attrici li fiz-zmien meta nqalghet il-kwistjoni bejnha u l-konvenuta u anke wara, liema zmien jaqa' entro tali perijodi, il-konvenuta kienet qed tirrisjedi Malta mieghu u b'hekk kellha r-residenza ordinarja taghha hawnhekk.

Li l-assunzjoni ta' l-attrici li l-konvenuta kellha r-residenza ordinarja taghha Malta hija ghal kollox infondata u kompletament zbaljata jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti mill-istess attrici waqt is-seduta tal-5 ta' April 2011 a fol. 93 sa' 100 tal-process. Id-dokumenti a fol. 93 sa' 98 tal-process huma certifikati relattivi ghal xi perijodi ta' *sick leave* li hadet il-konvenuta tul il-perijodu li kienet tahdem bhala nurse fl-Isptar Zammit Clapp u ghalkemm minnhom jirrizulta li fit-2 ta' Novembru 2007 il-konvenuta stess iddikjarat l-indirizz residenzjali taghha bhala Flat 6, Shalimar Court, Triq Nazju Falzon, Msida, u li fl-ahhar ta' April 2008 giet invistata minn Tabiba li ghandha l-indirizz taghha hawn Malta[21], jirrizulta wkoll li fil-bidu ta' Novembru 2007, fl-ahhar ta' l-2007 u bidu ta' l-2008, fil-bidu ta' April 2008 u f'Gunju 2008 il-konvenuta giet invistata minn Tabib li ghandu indirizz f'Ghawdex. Minn dawn id-dokumenti jidher ghalhekk illi kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attrici, il-konvenuta kellha u zammet ir-residenza ordinarja taghha gewwa Ghawdex.

Ghalkemm l-attrici ressqet zewg xhieda ohra in sostenn ta' l-assunzjoni taghha fil-konfront tal-konvenuta, dawn l-istess xhieda assolutament ma jaghtu ebda sembjanza ta' kredibilità u fondatezza lil din l-assunzjoni. Mary Murphy, Departemental Nursing Manager f'Karen Grech Zammit Clapp, prodotta mill-attrici bhala xhud waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2010[22] nettament iddikjarat li *ma nafx jekk Renese kienetx tigi ghax-xoghol minn Ghawdex jew minn Malta, assolutament ma nafx* izda iktar kmieni fix-xhieda taghha ddikjarat li *naf li l-konvenuta hija*

[21] Fol. 100 tal-process.
[22] Fol. 70 u 71 tal-process.

*Ghawdxija u dana sirt nafu ghax meta konna qed nirrangaw ir-rosters ghas-swali l-godda f'Karen Grech, kienu gew hi u certu Michael biex jitolbuna halli jkunu roster wiehed biex ikunu jistghu jitilghu u jinzlu minnGhawdex flimkien u kull darba juzaw karozza wahda biss. B'dan huma qalulna wara li konna gja irrangajna r-roster imma imbaghad ippruvajna ndawru kollox biex nippruvaw nakkomodawhom. Ahna r-roster dawwarnihom biex nakkomodawhom u fil-fatt dawwarnihom u gibnihom fuq roster wahda. Ma kienx hem problemi biex jinhadem dan ir-roster anzi rrid nghid li huma kienu jahdmu hafna overtime.* Pauline Micallef, Hospital Nursing Manager Karen Grech, prodotta mill-attrici bhala xhud waqt is-seduta tal-5 ta' April 2011[23] ftit li xejn tista' titqies bhala xhud kredibbli fid-dawl tal-fatt li ghad-domanda *jekk qabel ma dhalna ghal din il-kawza l-attrici fakkritnix fir-rigward ta' dan il-meeting* [meeting li kienet ghadha kemm xehdet dwaru] irrispondiet *iva tkellimna fuq xi affarijiet zghar fir-rigward*.

Mill-provi kollha prodotti u partikolarment mill-ittra datata 9 ta' Gunju 2008 indirizzata mill-attrici lill-konvenuta fl-indirizz 22, Pjazza President J.F. Kennedy, Rabat, Gozo[24], mill-*payslips* ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u t-30 ta' Gunju 2008[25] ukoll indirizzati lill-konvenuta fl-indirizz 22, Triq Fortunato Mizzi, Ghawdex, u mic-certifikati medici esebiti a fol. 94, 95, 96 u 98 tal-process, jirrizulta li kif affermat mill-konvenuta, fiz-zmien rilevanti, u cioè fiz-zmien meta inqalghet il-kwistjoni bejnha u l-attrici u fiz-zmien meta gew istitwiti l-proceduri odjerni, il-konvenuta kellha r-residenza ordinarja taghha gewwa Ghawdex. Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u filwaqt li tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' u

[23] Fol. 102 u 103 tal-process.
[24] Fol. 35 tal-process.
[25] Dok. "GV1" a fol. 60 sa' 67 tal-process.

tiddeciedi l-kaz in ezami, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------